# IR-RABA EDIZZJONI TA' CARITASFEST

## WORKSHOP TAL-MUŻIKA U L-KITBA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Ġimgħa 17 t'April, 2026
Ħin: 08:30 - 13:30

Post: Caritas Community Centre, Ħamrun

Caritas
MALTA

# Informazzjoni u Linji Gwida

Caritas Malta tippreżenta r-raba' edizzjoni ta' Caritasfest, immirat biex tlaqqa l-istudenti flimkien permezz ta' proġetti li l-għan tagħhom huwa li jrawmu l-parteċipazzjoni, r-riflessjoni, u l-kreattivita'. L-iskejjel sekondarji huma mistiedna jieħdu sehem f' din l-inizjattiva matul is-sena skolastika 2025-2026. It-tema magħżula din is-sena se tkun il-**Paċi**. Din l-edizzjoni se toffri lill-istudenti l-opportunita' li jinvolvu ruħhom f' Workshop tal-mużika u l-kitba, u li jikkollaboraw ma' studenti oħra minn skejjel differenti.

Permezz ta' din l-esperjenza, iż-żgħażagħ huma mħeġġa jużaw leħinhom biex jippromwovu messaġġi għaqlin fejn jispiraw lil ħaddieħor u jsaħħu bidla pożittiva, permezz tal-kitba tal-kanzunetti u l-espressjoni tal-mużika bil-lingwa tagħna, il-**Malti**. Iggwidati minn youth workers u mużiċisti lokali u kelliema mistiedna oħra, l-istudenti se jesploraw in-natura terapewtika tal-mużika u jipparteċipaw b' mod attiv fil-proċess tal-kitba tal-kanzunetta, u jikkonkludu b'kanzunetta oriġinali miktuba b' mod kollettiv. Għal din l-edizzjoni, dan il-workshop se jsir fl-uffiċini ta' Caritas Community Centre, il-Ħamrun.

# Għan

- Jinkoraġixxi l-espressjoni u riflessjoni permezz tal-kitba u l-kollaborazzjoni.
- Jippromwovi l-ħidma f'tim u kollaborazzjoni fost l-istudenti
- Jipprovdi pjattaforma ta' informazzjoni u edukattiva għal mużiċisti żgħażagħ, kantanti u awturi tal-lirika.

# Applikant

- L-iskejjel sekondarji għandhom jirreġistraw studenti jew gruppi ta' żgħażagħ minn **Year 9. Mhux aktar minn 4 studenti għal kull skola**.
- Total ta' 50 student jistgħu jipparteċipaw f'dan il-workshop.
- Ir-reġistrazzjonijiet se jiġu aċċettati fuq bażi ta' "first-come, first-served basis".
- Ir-reġistrazzjoni għall-iskejjel se tiftaħ fis-6 ta' Ottubru 2025 u tagħlaq fit-12 ta' Diċembru 2025, sa nofsinhar (Irreferi għat-taqsima "Kif nista' napplika")
- Il-**persunal** tal-iskola minn kull skola sekondarja għandu jissottometti l-applikazzjoni f'isem l-istudent/i li se jipparteċipaw u u jakkumpanjawhom għall-workshop.
- Caritas Malta tirriżerva d-dritt li tikkanċella l-Caritasfest jekk in-numru ta' reġistrazzjonijiet ikun insuffiċjenti.

# Formola ta' kunsens

Il-formoli ta' kunsens għandhom jintbagħtu lil Caritas Malta qabel id-data tas-seminar. Parteċipanti li ma jippreżentawx formola ta' kunsens iffirmata ma jkunux jistgħu jieħdu sehem. Il-formola ta' kunsens se tintbagħat lill-iskola la darba r-reġistrazzjoni tiġi kkonfermata, u għandha tintbagħat lura lil Caritas Malta mill-iktar fis possibli sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni.

# Linji Gwida Marbutin mal-Etika

Il-Caritasfest f'din l-edizzjoni qed toffri pjattaforma liż-żgħażagħ fl-iskejjel biex jesprimu lilhom infushom permezz tal-mużika. Biex niżguraw li l-kontribuzzjonijiet kollha jirriflettu l-valuri u l-ispirtu tal-attività, nitolbu lill-iskejjel li ser jieħdu sehem biex isegwu dawn il-linji gwida:

Rispett u Inklusività

Il-kliem u l-kontenut għandhom dejjem ikunu rispettabbli. Għandu jiġi evitat kull tip ta' lingwaġġ jew tema li tista' tkun diskriminatorja, offensiva jew eskluživa.

Valuri Pożittivi

Il-lirika għandha tirrifletti messaġġi pożittivi, l-involviment fil-komunità u integrità etika. Kontenut li jħeġġeġ vjolenza, mibegħda jew ħsara, direttament jew indirettament, mhux se jiġi **aċċettat**.

Kollaborazzjoni u Ċelebrazzjoni

Il-parteċipanti huma mħeġġa biex jilqgħu din l-opportunita ta' tagħlim edukattiv u kollaborazzjoni ma' studenti oħrajn u t-talenti ta' xulxin f'esperjenza kreattiva konġunta.

# Skeda

| Ħin | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 08:30 – 09:00 | Wasla tal-istudenti |
| 09:00 – 09:30 | Youth Workers: Introduzzjoni |
| 09:30 – 10:30 | Terapija permezz tal-mużika:<br>Sessjoni prattika dwar kif il-mużika tista' tgħin is-saħħa mentali, u tnaqqasl-istress ta' kuljum |
| 10:30 - 10:50 | Waqfa Qasira |
| 11:00 – 13:15 | Workshop Kreattiv ma' Artist Lokali - Kif tinħoloq id-diska, l-kitba u l-mużika? |
| 13:15 – 13:30 | Diskors ta' Tmiem - Direttur ta' Caritas Malta |

# Kif nista' napplika?

L-iskejjel interessati jistgħu japplikaw permezz tal-ħolqa disponibbli hawn taħt. Din il-ħolqa ser tkun disponibbli nhar it-Tnejn 6 ta' Ottubru 2025:

Ħolqa biex tapplika – **https://forms.office.com/e/QUc2Tqv5qt**

- Caritas Malta se tikkuntattja lill-iskejjel li se jieħdu sehem għal laqgħa informattiva online dwar il-workshop.
- Caritas Malta qed tistieden lill-iskejjel interessati biex jissottomettu l-interess tagħhom sal-**Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2025, sa 12:00pm.**
- Din l-informazzjoni se tkun disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku ta' Caritas Malta nhar it-Tnejn 6 ta' Ottubru 2025: https://www.caritasmalta.org/

# Dettalji ta' Kuntatt

**Fondazzjoni Caritas Malta**
**Caritas Community Centre**
Triq Mountbatten,
Ħamrun, ĦMR1577
Malta

Għal aktar informazzjoni tista' tikkuntattja lil Gabrijel Mansueto, Kimberly Pepe jew lil Eleanor Borg fuq in-numru 22199000 jew tibgħat email lil eleanor.borg@caritasmalta.org.

# Sapport lil Fondazzjoni Caritas Malta

Kull sena, Caritas Malta torganizza maratona. Din is-sena il-maratona se ssir is-Sibt 1 ta' Novembru 2025. Jekk tixtieq li tagħti donazzjoni tista' tagħmel dan permezz tal-ħolqa li tinsab hawn taħt. Skejjel li jkunu jixtiequ jingħaqdu magħna waqt il-maratona 'live', meħtieġa li jagħmlu kuntatt magħna għal iktar informazzjoni.

https://www.caritasmalta.org/donate/

VO No: 1576